**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 547/2011 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**Charles Borg**

**Illum 17 ta' Jannar, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Charles Borg ta' 32 sena bin Joseph u Mary Grace nee Higgans imwieled Pieta' fis-16 ta' Gunju 1978 u joqghod f'Santoza, Triq tas-Sisla B'Kara u ghandu karta tal-identita' numru 330478M

Akkuzat talli matul is-snin 2009 u 2010 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

a. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija jew xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin ukoll jew minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b. ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq;

u cioe' diversi prodotti tal-marka Gilette

2. u aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha ;

3. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata;

4. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, kellu fil-pussess, kustodja jew kontroll tieghu fil-kors ta' xi negozju xi oggetti bhal dawk bil-ghan li hu jew persuna ohra jaghmel xi haga li tkun reat taht il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 72 tal-Kapitolu 416 l-Att dwar it-*Trademarks*, Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata tat-18 ta' Ottubru 2011.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' dokumenti immarkati minn YF1 sa YF8, dok LS1 sa LS18, dok MB, MBA1 u MBA2.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' l-ispettur Yvonne Farrugia, WPS 249 Marouska Debattista, PC 1253 frederick Brincat, Avv Luigi Sansone, Dr Francesca Warrington, Jonathan Abela Fiorentino, Robert Gatt, PC 1305 Silvio Zammit, Dr Martin Bajada,

Semghet ukoll lill-imputat Charles Borg jixhed minn jeddu fil-prezenza tal-avukat tieghu.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' April 2011 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti li taw lok għal dan il-każ beda wara li l-Pulizija rċeviet kwerela datata 25 ta' Mejju 2010 (Dok YF 6 a fol 21 tal-atti proċessawali) mingħand Dr. Jonathan Abela Fiorentino għan-nom ta' Dr Luigi A. Sansone bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera The Gilette Company fl-Istati Uniti. Illi fiha spjega li l-imsemmija soċjetà hija propjetarja ta' varji trademarks fosthom "Gilette Mach 3 (figurattiva), M3 Power, Fusion, M3 MACH 3 Turbo (figurattiva), Turbo, Gilette Turbo, Gilette Mach 3 u/jew MACH. Il-kwerelant allega li kienu saru numru ta' test purchases f'diversi ħwienet hawn Malta stante li kien hemm suspett li kienu qed jinbieghu prodotti tal-Gilette kontrafatti u dan bi ksur tal-Artikoli 298(1)(a), (c) u (f) tal-Kodiċi Kriminali u tal-Artikolu 72(1)(b) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-kwerelant għalhekk talab lill-Pulizija sabiex tinvestiga dwar dan il-fatt u sussegwentement tieħu proċeduri kriminali fir-rigward.

Mill-provi rriżulta li l-Pulizija marru ġewwa ħanut bl-isem ta' X-Zone f'B'Kara. L-ilment prinċipali kien dwar il-kwalità ta' shaving blade li kienu qeghdin jinbiegħu mingħand dan il-ħanut. Wara li sar dan l-ilment saru xi test purchases fejn nxtraw pakketti tal-blades li allegatament kienu kontrafatti. Dawn il-blades li kienu nxtraw minn Dr Francesca Sansone bħala test purchase u ntbghatu ġewwa l-Ingilterra (ara document LS1 a fol 61) sabiex jiġu analizzati. Huma rċevew korrispondenza mingħand Gemma Bing li qaltilhom li kienu kontrafatti (ara document a fol 65).

Mill-investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija rriżulta li l-imputat kien xtara dawn il-blades minn fuq eBay li kien jiġġestixxi negozju ta' wholesaler u importer. Mit-tfittxija li saret mill-Pulizija ġew elevati diversi kaxxi tal-blades li l-imputat kien xtara (ara document YF3 a fol 19). Meta ġie arrestat l-imputat u rrilaxxa stqarrija (inserita a fol 15 sa 17 tal-atti proċessawali) huwa qal li kien xtara dawn il-prodotti minn fuq eBay u ħallas għalihom permezz ta' swift payment. Għamel dan minħabba l-fatt li kienu orħos minn għand l-Agent lokali u b'hekk kellu marġini ta' profitt aħjar.

L-imputat meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-5 ta' Frar 2021 ikkonferma li huwa kien xtara x-xoghol mill-Ingilterra ghaliex huwa kien importatur. Dawn il-blades kien xtrahom minn fuq eBay u kien ra l-feedback li kien hemm fuq il-bejjiegħa. Meta waslu l-prodotti huwa ma kienx jaf li kienu kontrafatti. Sar jaf biss meta l-Pulizija kienu qalulu li kienu hekk. Huwa kien biegħ ammont ieħor lil certu Robert Gatt. Wara li kienu kelmuh il-Pulizija baghat email lil ċertu Claire ġewwa l-Ingilterra sabiex jitlob il-flus lura minħabba li skont ma kienu qalulu l-prodotti kienu kontrafatti. Hija kienet aċċertat li l-prodotti kienu oriġinali (ara dokument CB 1 a fol 284). Huwa qatt ma kellu problemi qabel dan il-każ meta kien importa xi oġġetti mill-Ingilterra. Minħabba li kien hemm feedback pożittiv fuq il-bejjiegħa u anki kien hemm miktub li l-prodotti kienu oriġinali. Huwa lanqas jaf minn fejn kien jinġieb ix-xogħol iżda huwa biss jixtrih mingħand ċerta waħda Claire li biegħet il-prodotti. Huwa beda' jimporta l-prodotti direttament bl-hekk imsejjaħ parallel importation. Din il-korrispondenza li kien għamel kienet saret wara li kienu kellmuh il-Pulizija fuq il-każ u mhux qabel.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-kaz l-imputat qed jigi addebitat bi tlett reati separati u distinti u cioe' bir-reat ta qerq fil-kummerc kontemplat fl-Artikolu 298 tal-Kodici Kriminali, bir-reat ta' ksur ta' drittijiet tal-awtur skont dak li kien hemm fl-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali qabel ma gie sostitwiet u bir-reat ta' trademark infringement kontemplat fl-Artikolu 72 tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta liema Kapitlu tal-Liġi ġie mnehhi u introdott taht il-Kap 597 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Fuq l-akkuzi**

Minn ezami tal-provi prodotti f'dan il-kaz jirrizulta minghajr ebda dubju li d-drittijiet li s-socjeta' kwerelanti tirritjeni li gew lezi huma dawk konnessi ma' trademarks u mhux ma copyright. Dan jidher mill-fatt anki mill-istess dokumentazzjoni esebieti kollha jaghmlu referenza ghad-dritt tad-trademark

ghal min tappartjeni u anki minn dak li hareg mill-istess xhieda tal-Avv Dr Luigi Sansone (ara xhieda a fol 108 et seq tal-atti processwali). Illi minn imkien mill-provi ma jirrizulta li seta' kien hemm xi ksur tad-drittijiet tal-awtur. Illi anki kif illum gie sostitwiet l-artikolu 298B jaghmel enfazi cara fuq il-ksur tad-drittijiet tal-awtur u ghalhekk f'dak li hemm fl-akkuzi numru 2 u 3  ma jirrizultawx li kien hemm xi ksur tad-drittijiet tal-awtur mill-provi mressqa.

Jibqa' ghalhekk li jigu kkunsidrati l-imputazzjonijiet rigwardanti r-reat ta' trademark infringement kontemplat fl-Artikolu 72 tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta u r-reat ta' qerq fil-kummerc kontemplat fl-Artikolu 298 tal-Kodici Kriminali.

Fil-kaz tar-reat kontemplat fl-Artikolu 72 fil-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta r-rekwiziti sabiex jissussisti dan ir-reat huma li wiehed ikun propjetarju ta' markju registrat u li persuna ohra b'intenzjoni li tigwadanja ghaliha nnifisha jew ghal terzi jew altrimenti li tikkawza hsara, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju tapplika jew tuza markju jew sinjal distintiv li jkun identiku jew jixxiebah ma' markju registrat. Illi ghandu jigi rimarkat li l-Att dwar it-Trademarks li kien taht il-Kapitolu 416 gie mnehhi u minflokku gew migbura taht il-Kapitolu 597 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk biex jissusisti dan ir-reat, l-istess kap ta' akkuzi li gie mixli bihom l-imputat jridu wkoll ikunu l-istess bhal dak li kien hemm fil-Kap 416 u dan ghaliex ladarba jekk l-akkuzi m'ghadhomx allura ma jistax jirrispondi ghal xi haga li ma jkunx aktar ikkunsidrat bhala reat. Illi pero' l-Legislatur meta introducca l-Kapitolu 597 ha hsieb li jdahhal reati taht l-artikolu 108 tal-Kapitolu 597 tal-Ligijiet ta' Malta li huma ghal kollox simili ghal dak li kien hemm qabel.

Illi f'dan il-kaz ir-reat ikkontemplat flok dak li kien hemm fil-Kapitolu 416, illum jidher li huwa taht dak li hemm fl-artikolu 108(1)(c) tal-Kapitolu 597 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dan is-sub-artikolu jaghmel referenza fuq użu mhux awtorizzat ta' *trademark*, għar-rigward ta' oġġetti. Illi f'dan il-sub-artikolu

jaghmel referenza ghal dak li hemm fis-sub-artikolu 108 (1)(b) ukoll. Illi dawn iz-zewg sub-artikoli jghidu hekk:

***108.*** *(1) Persuna li bil-għan li tieħu vantaġġ għaliha nnifisha jew għal persuna oħra, jew bil-ħsieb li tikkaġuna telf lil xi persuna oħra, u mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju –*

*(b) tbigħ jew tikri, toffri jew tesponi għall-bejgħ jew kiri jew tqassam oġġetti li jkollhom fuqhom, jew li l-imballaġġ tagħhom ikollu fuqu, sinjal bħal dak;*

*jew*

*(ċ) ikollha fil-pussess, kustodja jew kontroll tagħha fil-kors ta' kummerċ xi oġġetti bħal dawk bil-għan li hi jew persuna oħra tagħmel xi ħaġa li tkun reat taħt il-paragrafu (b);*

Waqt li l-akkuzi li huwa qieghed jigi akkużat ukoll bihom jaqghu taht dak li hemm fl-istess artikolu 298 tal-Kodici Kriminali fejn min-naha l-ohra jaghmel referenza ghal qerq fil-kummerc u fl-industrija u dan jipprovdi hekk:

*"298. (1) Kull min –*

*(a) jiffalsifika jew ibiddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrja, jew, xjentement, jagħmel użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid;*

*(ċ) jagħmel użu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew ibiegħ merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema;*

*(f) xjentement iqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, ibiegħ jew iżomm għandu għall-bejgħ jew jimporta għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbħin b'qerq;*

*jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena.*

Illi ma' dan l-artikolu tal-Kapitolu 9 irid ukoll jigi abbinat dak li hemm fl-Artikolu 302 tal-Kodici Kriminali jipprovdi imbaghad hekk:

*"Fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 298(1)(f), jitqies li l-akkużat mexa dolożament, kemm-il darba ma jippruvax -*

*(a) illi, wara li ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ma jiksirx id-disposizzjoni tal-paragrafu hawn fuq imsemmi, hu ma kellux, fiż-żmien li għamel id-delitt li fuqu jkun akkużat, raġun jaħseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri; u*

*(b) illi, meta ġie mistoqsi minn membru tal-Pulizija, huwa ta t-tagħrif kollu li seta' jagħti dwar il-persuni li minn għandhom ġieb dik il-merkanzija; u*

*(ċ) illi mill-bqija huwa mexa bla ħażen."*

**Ikkunsidrat**

Illi mill-imputazzjonijiet l-oħra li hemm kontra l-imputat u mill-provi li nġiebu huwa li hu ma kellu x'jaqsam xejn ma' xi tibdil fil-pakkett jew inkella li kien hu li stampa jew ghamel dawn il-prodotti kontrafatti. Illi però ġie indikat li dawn il-prodotti ngiebu minn barra minn Malta fejn huwa kien xtara minn fuq sit eletroniku maghruf bhala eBay fejn xtara l-prodotti reklamati. Illi ghalhekk hawn si tratta tal-fatt li huwa b'xi mod biegh, qieghed fic-cirkolazzjoni dawn il-prodotti. Illi pero' taht din l-akkuza, hemm referenza partikolari li dak li jkun ghamel l-imputat ikun ghamlu xjentament. Illi

ghalhekk apparti l-elementi l-ohra tar-reat irid jigi wkoll pruvat li l-imputat ghamel ghamlu xjentement u ghalhekk trid tingieb din il-prova. Illi jidher pero' li fil-kors tal-investigazzjoni, li l-Pulizija strahu fuq l-istqarrija tal-imputat sabiex jistabilixxu certi fatti. Illi wkoll ghandu jinghad li din l-istqarrija tal-imputat ittiehdet fi zmien meta persuna arrestata ma tkunx assistita minn avukat waqt il-kors tal-investigazjzoni. Illi kienu hafna s-sentenzi mghotija mill-Qrati taghna fuq dan is-suggett fejn dan wassal ghal ksur tad-dritt tal-persuna minhabba li ma kienx assistiet minn avukat waqt il-kors tal-investigazzjoni. Illi l-Qorti taqbel pefettament ma' dawn id-decizjonijiet u ben konxja ta' dan u ghalhekk thoss li l-istess stqarrija m'ghandhiex isservi bhala prova fil-konfront tal-imputat u ghalhekk ghandha tigi skartata.

Illi però l-imputat għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri u semma fatt importanti li huwa kien għamel kuntatt mal-istess bejjiegħ fejn kien xtara minn għandu dawn il-blades. Illi kien infurmawh dwar l-akkadut wara li kien gie arrestat mill-Pulizija fuq dan il-kaz u mhux xi zmien qabel. Il-fatt li kiteb lil din Claire sabiex jinfurma x'kien intqal fuq il-blades li kien xtara minn ghandha ma tammontax ghal konfessjoni li kien jaf minn qabel li kienu kontrafatti ghaliex dak li ghamel kien wara l-fatt li kien sehh u cioe' wara l-arrest tieghu. Illi ghalhekk zgur din il-Qorti ma tistax tara li kien hemm il-hsieb li huwa jaghmel uzu jew inkella li kien jaf li dawn il-blades kienu kontrafatti.

Illi ghandu wkoll jigi indikat li Dr Martin Bajada fl-analizi li ghamel fuq il-prodotti, ghamel ukoll referenza li huwa kien gab xi prodotti miksubin minn ghand l-istess Procter and Gamble. Illi ghandu jinghad li dawn il-prodotti li sar l-analizi fuqhom qatt ma kienu esebieti f'dawn il-proċeduri. Illi ma hemm ebda referenza li dawn il-prodotti gew ikkonfermati li kienu l-originali li ghalhekk iwasslu sabiex jkun jista' jintalab sabiex jigu elevati mill-istess Qorti u mqabbla mal-prodotti li gew konfiskati mill-Pulizija. Illi mix-xhieda tal-istess Dr Martin Bajada semma' li huwa kien inghata ordni mill-Qorti sabiex jigbor kampjuni minn ghand l-Agent. Illi pero' jidher mill-verbal li kien sar fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2014, li huwa kien inghata l-inkarigu sabiex jezamina

l-oggetti esebieti u qatt ma kien hemm xi kampjuni originali li gew esebieti. Illi anki fl-istess rapport tieghu dawn l-oggetti semma b'mod car li kienu gew miksubin minn ghand l-istess Procter and Gamble u mhux li gew mehuda mill-atti ghaliex kienu gew esebieti. Ma hemm ebda dokument li juri li dawn l-oggetti kienu gew esebieti jew inkella li huma originali. Illi ghalhekk hawn il-Qorti taqbel perfettament mad-difiza li dan ir-rapport sar ezami komparatttiv fuq oggett esebit fl-atti ma' ohrajn li ma kienux. Illi ghalhekk dan ir-rapport ghandu jigi injorat.

Wara li ezaminat il-provi fil-kaz odjern din il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa xtara l-prodotti bhala genwini u bieghhom bhala tali u li ma kellu ebda raguni jahseb li dawn setghu ikunu kontrafatti. Dan jinghad ghaliex huwa xtara minghand supplier li huwa kien iqis bhala affidabbli u dan mir-reviews li huwa stess kien ra fuq is-sit elettroniku eBay. Huwa kien hallas dak kollu li kien mitlub lilu u kien biss wara li kienu kellmuh il-Pulizija li ghamel kuntatt ma' l-istess bejjiegh li staqsa li kienu kontrafatti. Illi dik l-email ma għanda ebda piż li huwa xjentement biegħ dawn il-prodotti li kien jaf li kienu kontrafatti.

Huwa minnu li l-prodott kien qed jinbiegħ lilu bi prezz ftit anqas minn dak li kien qed ibiegħu l-aġent lokali iżda din hija xi haġa komuni u li tigri ta' spiss fin-negozju tal-parallel trading u ma kienx hemm raġuni il-għala huwa għandu jiddubita mill-ġenwinità tal-prodott li kien qed jixtri. L-imputat inoltre mall-ewwel indika lill-Pulizija minghand min kien xtara u produca l-informazzjoni. Il-Qorti inoltre setgħat tikkonstata li d-differenzi bejn il-prodott oriġinali u dak kontrafatt m'humiex daqshekk evidenti u ovvji u wiehed jinduna bihom biss meta jeżamina z-żewġ prodotti ħdejn xulxin fid-dettall u dan qiegħed jingħad għall-fatt li għalkemm ġie skartat ir-rapport tal-istess espert maħtur, id-differenzi tant m'humiex evidenti li anki jekk kienu kontrafatti, persuna normali ma kienitx se tinduna dwar din id-differenza. Huwa għalhekk plawsibbli li l-imputat ma kellux suspett dwar l-awtenticita' tal-prodotti li kien qed jixtri minn fuq dan is-sit elettroniku li setgħu kienu kontrafatti.

Il-Qorti jidrilha li ma tirriżultax ir-rejita' la ghar-reat ta' qerq fil-kummerċ u l-anqas ghar-reat ta' trademark infringement kontemplat fl-Artikolu 72 tal-Kapitolu 446 kif issa gie sostitwit bil-Kapitolu 597 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara li lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kif miġjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

Dr Caroline Farrugia Frendo

Magistrat

Maria Grech Cardona

Deputat Registratur